31999D0784

L 307/61 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 2.12.1999

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-22 ta' Novembru 1999
## li tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew

(1999/784/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jisstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi:

(1) Ir-Riżoluzzjoni (97) 4, adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Marzu 1997 ikkonfermat il-kontinwazzjoni ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew inizjalment stabbilit bir-Riżoluzzjoni (92) 70 adottata mill-Kumitat tal-Ministri fil-15 ta' Diċembru 1992;

(2) L-Istati Membri kollha huma membri ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew; ir-rappreżentazzjoni tal-Komunià fir-relazzjonijiet tagħha ma' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew mill-Kummissjoni ma taffetwawx ir-rappreżentazzjoni individwali diretta minnhom infus-hom ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

(3) Il-Kunsill adotta fis-26 ta' April 1999, Deċiżjoni li tistabbilixxi infrastruttura ta' l-informazzjoni tal-istatistika tal-Komunità li tirrigwardja l-industrija u s-swieq tas-setturi Awdjoviżivi u dawk relatati magħhom ([4]);

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li tkun assigurata l-komplimentarjità bejn ix-xogħol mibdi mill-insemmija Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew;

(5) L-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew jikkontribwixxi għat-tisħieħ tal-kompetittività ta' l-industria Awdjoviżiva tal-Komunità, notevolment għat-tittjib tat-trasferiment ta' l-informazzjoni lejn l-industria, partikolarment l-impriżi ta' daqs żgħir u medju, u li jħeġġeġ stampa aktar ċara tas-suq,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Komunità għandha tkun membru ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità fir-relazzjonijiet tagħha ma l-Osservatorju.

*Artikolu 3*

L-appropprazzjonijiet meħtieġa għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lejn l-estimi operattivi ta' l-Osservatorju għandhom ikunu awtorizzati mill-Awtorità tal-Burget b'konformità mal-perspettiva finanzjarja li tkun fis-seħħ.

*Artikolu 4*

Qabel it-tmiem tat-tielet sena li ssegwi s-sena ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll ma l-iskadenza ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lejn il-Parlament Ewropew, lejn il-Kunsill u lejn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, rapport dwar l-implementazzjoni tagħha.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli sa l-aħħar jum ta' l-aħħar xhar tal-ħames sena li ssegwi is-sena ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1999.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. HEMILÄ

---

([1]) ĠU C 110, tal-21.4.1999, p. 14.
([2]) L-Opinjoni mogħtija fit-28 ta' Ottubru 1999 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) L-Opinjoni mogħtija fit-22 ta' Settembru 1999 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 117, tal-5.5.1999, p. 39.